MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2008

Rikors Numru. 168/2008

**Fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru numru 472/06 fl-ismijiet:-**

**Nazzareno sive Ronnie Zammit**

**Vs**

**Raymond Mifsud**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors prezentat mill-intimat nhar id-disgha w ghoxrin (29) ta' Frar 2008 fir-Registru ta' din il-Qorti fejn espona bir-rispett is-segwenti:-

'Illi dan il-Mandat gie ntavolat nhar l-erbgha w ghoxrin (24) ta' Frar 2006 ghall-ammont ta' LM1634 u sussegwentement giet intavolata il-kawza fl-ismijiet Nazareno sive Ronnie Zammit vs Raymond Mifsud

(72/06MM) liema kawza ghadha differita ghas-smiegh tal-provi tal-konvenut.

Illi sussegwenement, fl-ghaxra (10) t'Awissu 2007 gie ntavolat il-Mandat ta' Sekwestru numru 2114/2007 fl-ismijiet **Nazzareno sive Ronnie Zammit vs Raymond Mifsud** ID 201965M u bhala kawzali gie ndikat:

'*Ammont kalkolat ghal fini ta' dan il-mandat bhala ammont dovut kif indikat fil-kawza pendent quddiem din il-Qorti* 'fl-ismijiet **Nazzareno sive Ronnie Zammit vs Ramond Mifsud** Avviz Numru 72/06MM.'

Illi fl-erbatax (14) t'Awissu 2007, l-esponent, permezz ta' cedola numru 1677/2007, iddepozita s-somma ndikata fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru numru 2114/2007 u cioe is-somma ta' LM2,000.

Illi 'n segwitu ghal din ic-cedola ta' depozitu. nhareg il-Kontro Mandat numru 2122/2007.

Illi peress li l-Mandati ta' Sekwestru numru 472/2006 u 2114/2007 inhargu ghall-istess kawzali u cioe il-kawza fl-ismijiet Nazzareno sive Ronnie Zammit vs Raymond Mifsud (72/06MM) u peress illi s-somma ta' elfejn lira (LM2,000) giet depozitata taht l-Awtorita ta' din l-Onorabbli Qorti, u peress illi s-somma ta' elfejn lira tkopri l-ammont pretiz fil-kawza hawn fuq citata, isegwi illi l-Mandat numru 472/06 m'ghadux mehtieg.

Illi l-artikolu 836(a) tal-Kap 12 jipprovdi li jekk ikun hemm garanzija xierqa ohra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-hrug ta' l-att kawtelatorju sew bil-hrug ta' att kawtelatorju iehor, jew inkella jekk dik il-garanzija ohra tista ghas-sodisfazzjon tal-Qorti, tassigura bizzejjed il-pretensjoni hemm lok ta' hrug ta' Kontro Mandat ghall-istess mandat.

Illi fil-kaz odjern, is-somma ta' elfejn lira (LM2,000) giet depozitata wara l-hrug tal-Mandat numru 2114/2007.

Illi din is-somma hija garanzjia adegwata u dan b'riferenza ghat-talbiet maghmula fil-kawza hawn fuq indikata.

Ghaldaqstant talab lil din il-Qorti tordna il-hrug tal-Kontro Mandat opportun ghall-Mandat ta' Sekwestru numru 472/2006 u dan ghar-ragunijiet premessi.'

Rat id-digriet taghha tal-erbgha (4) ta' Marzu 2008, fejn ordnat li dan ir-rikors jigi notifikat lill-intimat b'erbat ijiem zmien ghar-risposta.

Rat illi r-rikors u digriet gew notifikati lill-intimat nhar l-erbatax (14) t'April 2008 kif jirrizulta mir-riferta tal-Purtiera Carmen Cutajar (fol. tergo 7).
Rat illi l-intimat kien gie wkoll notifikat bl-avviz ghas-smiegh tal-kawza nhar it-tmienja w ghoxrin (28) t'April 2008 kif jirrizulta wkoll mir-riferta tal-Marixxal Raymond Falzon (fol. tergo 10).

Semghet lil Dottor Stefan Zrinzo Azzopardi ghall-intimat ighid li l-Mandat ta' Sekwestru numru 472/06MM m'ghandux in vigore stante il-hrug ta' Kontro Mandat.

Rat in-nota tal-intimat esebita fl-atti nhar l-ghaxra (10) ta' Gunju 2008 li permezz taghha huwa esebixxa kopja tal-Kontro Mandat numru 1357/2008 fl-ismijiet Nazzareno sive Ronnie Zammit vs Raymond Mifsud fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru numru 72/06 fl-istess ismijiet, liema Kontro Mandat hareg mir-rikorrenti nhar id-disgha (9) ta' Mejju 2008 u dan sabiex huwa jirregola ruhu ahjar.

Rat illi r-rikorrenti qatt ma deher il-Qorti sabiex jissostanzja t-talba tieghu, nonostante n-notifikat tad-digriet taghha lilu.

Ghaldaqstant il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-talba rikorrenti stante li l-mertu taghha illum jinsab ezawrit.

Dwar l-ispejjez ta' dawn il-proceduri, l-Qorti rat illi l-Mandat ta' Sekwestru hareg mir-rikorrenti nhar l-erbgha w ghoxrin (24) ta' Frar 2006;

Rat illi dawn l-istess proceduri gew intavolati nhar id-disgha w ghoxrin (29) ta' Frar 2008;

Rat illi r-rikorrenti hareg Kontro Mandat sabiex jirregola ruhu ahjar nhar id-disgha (9) ta' Mejju 2008 u dan minghajr ma l-Qorti giet infurmata dwar ir-raguni x'waslu sabiex jipprezenta dan l-Att.

Illi ghalhekk, a bazi ta' dak li intqal mir-rikorrenti fir-rikors promotur tieghu, jirrizulta li t-talba tieghu kienet ser tkun wahda gustifikata w ghalhekk, f'dawn ic-cirkostanzi, tordna li r-rikorrenti jhallas l-ispejjez ta' dawn il-proceduri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------